# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **15 TA' JANNAR 2017**

**Il-ferħ tal-imħabba – Papa Franġisku**

Man-noticeboard hemm imwaħħla nota li ħarġu l-Isqfijiet dwar linji gwida li ħarġu għas-saċerdoti biex ikunu ta' għajnuna għal persuni separati jew divorzjati li qegħdin f'rabta ġdida u jixtiequ jkunu f'paċi ma' Alla, jersqu għas-Sagramenti u jgħixu ħajjithom fid-dawl ta' Ġesù. Iktar informazzjnoi mill-website tad-djoċesi ta' Malta www.thechurchinmalta.org

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 14 ta' Jannar 2017 fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Raħal Ġdid fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti.

**Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara 2017**

Bejn it-18 u l-25 ta' Jannar 2017 hija Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara. Il-Ħamis, l-adorazzjoni ta' wara l-quddiesa tas-6.00pm ser tkun talb għall-Għaqda fost l-Insara.
Il-Ħamis 19 ta' Jannar 2017 fil-Knisja Parrokkjali ta' Santu Wistin il-Belt Valletta se jsir Servizz Ekumeniku Djoċesan fis-6.30pm. Kulħadd huwa mistieden.

**Kors ta' Kana**

Il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2017 fis-7.30pm issir it-tieni laqgħa tal-Kors ta' Kana fis-Sala Sant'Anna.

**Ejjew Għandi**

Il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2017 fil-Parroċċa tagħna fis-7.30pm ser issir il-laqgħa 'Ejjew Għandi' mmexxija minn Fr Hayden flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani. Il-laqgħa tikkonsisti fix-xandir tal-Kelma ta' Alla u Adorazzjoni Ewkaristika. Fl-aħħar isir talb għall-fejqan fuq min ikun jixtieq. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**

L-Erbgħa 25 ta' Jannar 2017 ser issir ħarġa organizzata mill-Grupp tal-Anzjani tal-Ispiritwalità.